# Personalitajiet Rabtin fil-Filatelija

## Francesco Azopardi




Fil-ktieb tal-festa tas-sena l-oħra (1985), ġibna l-bolla ta' Mons. Giuseppe De Piro, li kien membru tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, illum se nġibu bolla oħra, ta' FRANCESCO AZOPARDI.

Fil-25 ta' April 1985, il-Gvern Malti ħareġ żewġ bolli, biex ifakkar is-Sena Ewropeja tal-Mużika. Il-bolla tat-30c kienet turi personalita' Rabtija, li hu Francesco Azopardi, mużiċista magħruf mhux biss f'Malta iżda ma' ħafna partijiet tad-dinja fil-qasam tal-mużika.

Francesco Azopardi, twieled fi Triq l-Isptar, ir-Rabat, fil-5 ta' Mejju 1748, fejn tagħmed fl-istess ġurnata fil-Katidral fl-Imdina. Interessanti hu, li fir-reġistru tal-magħmudijiet tal-Katidral, l-isem proprju tiegħu, hu: Ġiovanni Battista, Agostino, FRANCESCO u Joseph. Hu miet fis-6 ta' Frar 1809, u jinsab midfun fil-Kattedral fl-Imdina.

Fost il-ħafna mużika li kkomponna Francesco Azzopardi, li jinsabu fl-Arkivju tal-Kattidral, insibu: Antifona — 'Joseph Filii David'' li nkitbet fl-1784 u Innu — 'Te "Joseph Celebrant'' ikkomponut fl-1787, naturalment dawn it-tnejn ġew ippreżentati lill pubbliku fil-Festa ta' S. Ġużepp waqt il-Pontifikal mill-Kapitlu Kattedrali ta' Malta, fis-snin imsemmija.

Dawn l-Innijiet reġgħu inqalgħu mill-arkivju tal-'Kattidral bil-permessi meħtieġa tal-Kapitlu u bil-għajnuna tal-Can. G. Azzopardi, fl-1981 u indaqqu fil-festa ta' S. Ġużepp Ħaddiem fil-Knisja Franġiskana ta' Ġiesu, bl-arranġamenti mużikali meħtieġa mis-Surmast Joe Galea li mexxa l-orkestra.

# Il-Fuljett "Is-Santwarju ta' San Guzepp

Fis-sena 1980, l-Arċikonfraternita' ta' San Ġużepp tagħna fuq talba ta' kummissjoni mwaqqfa għall ta' l-apposta, biex tkun tista' tipproponi ċertu azzjonijiet ta' devozzjoni lill Konsulturi ta' l-istess fratellanza, biex japprovaw dawn il-proposti u jkunu jistgħu jitwettqu.

L-ewwel ħaġa li kien hemm bżonn, kien il-publikazzjoni ta' dan il-fuljett li se nitkellmu fuqu. L-ewwel ħarġa kienet f'Diċembru 1980, u f'dawn is-sitt snin jew aħjar f'dawn il-25 ħarġa li ħarġu sal-lum, sar ħafna xogħol ta' pubbliċita' ta' devozzjoni lejn il-Patrun tagħna San Ġużepp.

L-iskop ewlieni hu li jinkitbu artikli ta' devozzjoni fuq il-kobor u l-qdusija ta' San Ġużepp, kif fil-fatt qed ikunu l-pubblikazzjonijiet imsemmija. Kellna kittieba Maltin magħrufa għal istudju tagħhom, diversi Kappillan wkoll tawna l-kontribut tagħhom, kellna wkoll artikoli minn diversi pajjiżi, bħal ma huma: il-Kanada, l-Italja u l-Polonja, fost l-oħrajn, kellna ittra mill-Bet tal-Vaika bid-data ta' l-10 ta' Ottubru 1981.

Iċ-ċirkulazzjoni ta' dan il-fuljett hi tajba, għalkemm tista' tkun aħjar, hu mferrex kważi ma' Malta kollha, kif wieħed jista' jara anke mill-kontribuzzjonijiet li nirċievu, u kollha jiġu ppubblikati fl-istess fuljett.

Għalkemm l-ispejjeż huma kbar, imma ninsabu għaddejin f'korrispondenza regulari ma ċentri internazzjonali ta' devozzjoni Ġużeppina: "Société Nord-Americaine de Joséphologie" ta' Montreal-Kanada, Movimento Giuseppino ta' Roma, u l-akbar sodisfazzjoni li kellna sa issa hu li fir-IV kungress ta' studji Ġużeppologiċi, li sar mit-22 sad-29 ta' Settembru 1985, fil-Belt Pollakka ta' Kalisz, l-Arċikonfraternita' tagħna (tar-Rabat ta' l-Imdina) bagħtna messaġġ u nqara f'dan il-kungress. Kopja ta' din l-ittra, flimkien mat-tweġiba tagħha, ġew ippubblikati fis-"Santwarju ta' San Ġużepp" nru 23 ta' Novembru 1985.

Din il-Kummissjoni hekk imsejħa ta' "devozzjoni lejn San Ġużepp", tiltaqa' kważi kull xahar, u hemm ħafna suġġerimenti tajbin li qed jiġu studjati, li ħafna minnhom se jiġu applikati f'qasir żmien, qabel il-festa tal-25 sena mill-Inkurunazzjoni tal-Vara wisq mirakoluża ta' S. Ġużepp ix-Xiħ.

## SAĊERDOTI ĠODDA

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Lulju fost l-oħrajn, qaddsu għall-ewwel darba dawn iż-żewġ Patrijiet Rabtin, li trabbew madwar is-Santwarju ta' S. Ġużepp. *Patri Paul Attard* u *Patri Twannie Chircop* tal-Kommunita' Franġiskana ta' Ġiesu.





*PATRIJIET RABTIN FI ĦDAN L-ORDNI FRANĠISKANA TA' ĠIESU*

Ferdinand Galea, Karlu Tonna, Godfrey Micallef, Sylvester Magro, Ġużeppi Camilleri, Adrian Jos. Cachia, Paul Galea, Albert Micallef, John Abela, Joe Caruana, Richard Grech, Raymond Falzon, Marcellino Micallef, Paul Attard, Twannie Chircop.